# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju 2016**

**Numru 21**

**Rikors numru 94/13 JVC**

**Paul Portelli u martu Agnes Portelli**

**v.**

**Eucharistico Camilleri**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Eucharistico Camilleri mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tat-22 ta' Settembru 2015 li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet tal-atturi appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti;

"Rat ir-rikors guramentat tal-atturi li kkonfermaw:

"1. Illi l-esponenti huma fil-pussess ta' raba li jinsab fl-inħawi tar-Ramla, limiti ta' Nadur, Għawdex.

"2. Illi dan ir-raba huwa accessibbli minn passagg li jikkonduci ghalih minn Triq ir-Ramla, li tigi iktar lejn it-tramuntana, u liema passagg jghaddi minn fuq proprjetà tal-intimat;

"3. Illi f'xi zmien wara d-dsatax (19) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013), l-intimat qabad u ghalaq dan il-passaġġ billi hawwel xtieli tal-bittiegh, brungiel, fazola, u dulliegh, u beda jsaqqi dawn ix-xitel b'mod qawwi sabiex dawn jikbru malajr u jtelfu lill-esponenti milli jghaddi minn fuq il-passagg u jaccedi ghar-raba tieghu; u fil-gimghat u xhur sussegwenti rrepeta l-istess agir b'mod li l-esponenti jinsab imtellef u effettivament mizmum milli jaccedi għall-proprjetà tieghu minn fuq il-passagg li ghandu d-dritt jghaddi minnu;

"4. Illi dan l-agir jikkostitwixxi disturb fil-pussess tal-esponenti nkwantu jirrendi ferm iktar diffiċli l-access da parti tieghu ghar-raba tieghu;

"Talbet li din il-Qorti:

"1. Tiddikjara illi l-konvenut iddisturba lir-rikorrenti fil-pussess ta' hwejgu billi ostakola l-passagg li minnu huwa jaccedi ghar-raba tieghu meta f'xi gurnata wara d-19 ta' Ġunju 2013 u fil-gimghat u xhur sussegwenti l-konvenut irrenda l-access da parti tieghu ghar-raba tieghu iktar difficli;

"2. Tordna lill-atturi sabiex jigu mantnuti fil-pussess ta' hwejjighom u konsegwentement il-konvenut jigi kkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi prefiss, il-konvenut jirreintegra lill-attur fil-pussess pjen ta' hwejgu u dan billi jaqla' l-istess xitel u jhalli l-istess passagg ghal-liberu access tal-attur;

"3. Fin-nuqqas illi l-konvenut jesegwixxi x-xoghlijiet fiz-zmien koncess lilu, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaghmlu dawn ix-xoghlijiet huma a spejjez tal-konvenut, okkorrendo taht id-direzzjoni ta' perit nominand.

“Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa l-konvenut ingunt.

“Bir-rizerva ta’ kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti kontra l-konvenut.

“Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li kkonferma:

“1. ILLI t-talbiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza u kwindi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

“2. ILLI l-atturi jridu jippruvaw li ghandhom ir-rekwiziti essenzjali kollha ta’ l-*actio manutentionis* a tenur ta’ l-artikoli 534 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u allura jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw l-elementi kollha mehtiega a tenur ta’ l-istess artikolu;

“3. ILLI fi kwalunkwe kaz il-konvenut ma kkommetta ebda molestja ta’ pussess.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat l-atti kollha tal-kawza kif ukoll ai termini tal-verbal a fol. 48 tal-process datat 8 ta’ Ottubru, 2014 rat l-atti kollha tal-kawza bin-numru 56/2013 bhala formanti parti ntegrali minn din il-kawza;

“Accediet fuq il-post nhar id-19 ta’ Mejju, 2015;

“Rat illi fil-verbal tal-istess gurnata l-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta’ lill-partijiet li jaghmlu noti ta’ sottomissjonijiet;

“Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

“**<u>Ikkunsidrat</u>**

“**Il-fatti:**

“Illi l-atturi jsostnu li huma proprjetarji u fil-pussess ta’ raba fl-inhawi tar-Ramla, limiti tan-Nadur, Ghawdex u dan mill-anqas lura sa mis-sena 1984 meta huma gew lura mis-safar. Qabel kienu wkoll midhla tal-ghalqa ghaliex kienet tinhadem minn missier l-attur u ghamel ukoll zmien jahdimha qabel siefer flimkien ma’ martu l-attrici. Isostnu li peress li r-raba’ ma ghandhiex access dirett ghat-triq huma minn dejjem ghaddew minn fuq raba’ ta’ terzi biex jaccedu ghar-raba’ taghhom mit-triq pubblika u jghidu li ilhom jaghmlu hekk ghal bosta snin. L-atturi jsostnu wkoll li fid-19 ta’ Gunju, 2013 jew fil-jiem ta’ wara l-konvenut Eucharist Camilleri flimkien ma’ huh Emanuel Camilleri (il-konvenut fil-kawza bin-numru 56/2013) jew wahdu ghalaq il-passagg li

minn fuqu kienu jghaddu l-atturi billi hawwel xi xtieli fl-istess passagg u saqqa l-istess xtieli b'mod mghaggel b'dana li dawn kibru malajr u telfu l-passagg tal-esponent. Dan l-agir skont l-atturi gie ripetut fil-gimghat u x-xhur ta' wara. Sussegwenti ghall-ftuh tal-kawza bin-numru 56/2013 li hija kawza ta' spoll konsegwenza tal-gheluq tal-passagg permezz tax-xtieli kif hawn fuq imsemmi l-atturi jsostnu li l-konvenut Eucharist Camilleri ostakola aktar il-passagg billi ghamel qannicc tal-qasab mal-qasma tal-ghalqa tieghu u wkoll tpoggew xi vireg/gebel fir-rampa li twassal ghall-passagg b'hekk l-atturi gew kompletament prekluzi milli juzaw il-passagg biex jaslu ghall-ghalqa taghhom.

"Minn naha tieghu l-konvenut jsostni li huwa xtara l-ghalqa in kwistjoni f'darbtejn, parti madwar hames snin qabel infethet il-kawza u l-ohra xi sentejn wara. Il-konvenut filwaqt li ma jichadx li kien hu li hawwel ix-xtieli fl-ghalqa tieghu u nkluz fil-passagg jghid li dan kien ilu jaghmlu diversi snin u kien biss fl-2013 li huwa nnota li l-atturi kienu ghaddewlu minn fuq ix-xtieli tant illi sar rapport lill-pulizija minn huh Emanuel Camilleri fuq dan u skont hu kien biss f'dak iz-zmien li huwa sar jaf bil-pretensjoni tal-atturi li jghaddu minn fuq il-proprjeta' tieghu. Il-konvenut jikkonferma wkoll li l-qannic tal-qasab kien hu li ghamlu biex ma jergghux jghaddulu minn fuq il-prodott izda jichad li ghamel il-vireg/gebel fir-rampa.

"L-atturi konsegwenza tas-suespost fethu l-kawza ta' manutenzjoni odjerna sabiex jigi konfermat il-pussess taghhom fuq il-passagg li jwassal ghall-ghalqa taghhom filwaqt li l-konvenut jichad l-allegazzjonijiet tal-atturi u jsostni li ghandhom ikunu l-atturi li jippruvaw l-elementi essenzjali tal-*actio manutentionis*.

"**Bazi legali:**

"Illi l-atturi qed ivantaw pretensjonijiet ta' 'disturb fil-pussess' u ghalhekk intavolaw azzjoni ta' manutenzjoni.

"Illi l-azzjoni ta' manutenzjoni hi kontemplata fl-artikolu 534 tal- Kodici Civili kif isegwi:

> *"'Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' haga mmobbli, jew ta' universalita' ta' hwejjeg mobbli, jigi mmolestat f'dak il-pussess, jista', fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ha b'idejh dak il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b'titolu prekarju".*

"Dwar l-element ta' *'pussess'*, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Vella vs Boldarini** deciza fl-24 ta' Frar, 1967 kienet tat interpretazzjoni wiesgha tar-rekwizit tal-pussess, u osservat li fis-sistema tal-ligi taghna, il-vizzju tal-prekarjeta, jeskludi l-azzjoni biss meta jkun fil-konfront tal-konvenut, u osservat li dan jirrizulta car mill-kliem *'minghandu'* fl-ahhar tal-artikolu. L-Onorabbli Qorti qalet ukoll li dik kienet l-intenzjoni cara tal-legislatur kif jirrizulta min-noti ta' Sir Adrian Dingli dwar dan l-artikolu stess li jaghmlu enfasi fuq is-sopressjoni tal-kelma *"legittimu"* li kienet

tinsab fil-kodici taljan relattivament ghall-pussess manutenibbli.
“Ghandu jinghad li qabel ma nghatat is-sentenza hawn fuq citata l-gurisprudenza lokali kienet kontrarja, u kien jinghad li biex wiehed jirnexxi bl-*actio manutentionis* irid jipprova pussess *animo domini* fis-sens tal-artikolu 524(1) tal-Kodici Civili. Hekk, fil-kawza **Bonello Micallef vs Parnis England**, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili l-Qorti fid-9 ta’ Mejju, 1957, il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

> *“‘il-pussess, skont l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati Taghna, `jikkomprendi biss il-pussess kif definit mil-legislatur fl-art. 561 tal-Kodici citat, jigifieri d-detenzjoni ta’ haga ‘animo domini’ (Kollezz. XXVII.I.622; u XXXIII.II.198); Illi ‘ex admissis’ l-attrici hija ko-inkwilina tal-fond in kwistjoni, u ghalhekk ma tistax tezercita l- azzjoni llum minnha esperita’.*

“Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Arrigo vs Anastasi**, deciza fit-3 ta’ Gunju, 1959, dik l-Onorabbli Qorti ddistingwiet bejn l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 534 tal-Kodici Civili, u l-azzjoni li tispetta lill-inkwilin kif isegwi:

> *“‘hu manifest li l-azzjoni esperita mill-attur mhix dik li tohrog mid-dispozizzjoni tal-ligi riferita, li hija moghtija biss fis-sens proprju u strett ta’ detenzjoni ‘cum animo domini’; u dan ghaliex l-attur ma ghandux, u lanqas ma jippretendi li ghandu, pussess simili, u ma bbazax l-azzjoni fuq dak il- pussess, imma fuq id-dritt li l-ligi taghti lill-inkwilin li jagixxi kontra t-terz li ghemilu jkun immolestah fit-tgawdija tal-haga li tkun giet lilu lokata. Fl-ghemil tat-terz konvenut, deskritt fl-att tac-citazzjoni, l-attur jirravviza molestja; u billi, kif huwa jallega, din mhix molestja ta’ dritt, qieghed jagixxi f’ismu nnifsu kontra l-istess konvenut in bazi ghad-dispozizzjoni kontenuta fl-art. 1639 tal-istess Kodici citat, li tipprovdi fis-sens li sid il-kera mhux obbligat jaghmel tajjeb lill-kerrej ghall-molestja li terzi persuni b’ghemilhom jikkagunaw lill-inkwilin fit-tgawdija tal-haga, meta dawn il-persuni ma jkunux jippretendu xi jedd fuq il-haga mikrija, bla hsara tal-jedd tal-kerrej li jagixxi kontra dawk il-persuni f’ismu nnifsu”*.

“Fil-kawza **Mamo vs Camilleri** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-23 ta’ Marzu, 1962 rega’ intqal li l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 534 ma tispettax lill-inkwilin, izda lil min hu pussessur skont kif definit fl-istess ligi:

> *“‘L-azzjoni ezercitata lanqas tista’ tkun dik ta’ manutenzjoni fil-pussess kontemplata fl-art. 571; ghas-semplici raguni illi l-attur hu biss kerrej tal-fond, cjoe’ semplici detentur, mentri dik l-azzjoni tikkompeti biss lil min hu possessor fis-sens veru tal-art. 561(1) tal-imsemmi Kodici’.*

“F’kawza aktar recenti l-posizzjoni dwar din l-azzjoni regghet giet studjata mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Onorevoli Mhallef Dr. G. Caruana Demajo) fil-kawza fl-ismijiet **Aquilina vs Aquilina** deciza fit-8 ta’ Frar, 1996. F’dik il-kawza l-Qorti ma qablitx ma’ l-interpretazzjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Vella vs Boldarini** u qalet li min m’ghandux pussess ancorche’ ‘ta’ liema xorta jkun (ie. ukoll

*in mala fede*), ma jistax jipproponi l-*actio manutentionis*. Ghalhekk, inkwilin, li ghandu biss *causa detentionis*, m'ghandux din l-azzjoni. Il-Qorti kienet osservat li *'titolu prekarju'* fis-sistema Malti ghandha tifsira cara fl-artikolu 1839 tal-Kodici Civili, u, ghalhekk, m'ghandhiex tigi nterpretata skont id-duttrina Franciza (kif ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Vella vs Boldarini") fejn ghandha sinjifikat ta' *"ogni detenzione in nome altrui"*. L-artikolu 1839 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

> "'Il-prekarju huwa l-istess kuntratt ta' self ghall-uzu mfisser fl-artikolu 1824, izda b'din id-differenza biss, illi dak li jislef il-haga jibqa' fis-setgha li jehodha lura meta jrid.'

"Jidher li hija din l-ahhar posizzjoni li qed tigi segwita mill-Qrati taghna. Fil-kawza **Mamo vs Galea** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onorevoli Mhallef Dr. Philip Sciberras fit-18 ta' Frar, 2004 inghad kif isegwi:

> *"'Issa l-pussess tutelabbli li jillegittima l-azzjoni hu dak definit fl-Artikolu 524 (1) tal-Kapitolu 16. Pussess li allura ghandu jkun b'rekwizit il-karattru tal-pussess ad usucapionem, ossija l-pussess pacifiku, kontinwu, pubbliku u ininterrott. Pussess li kellu jfisser bhala minimu detenzjoni ta' haga animo domini. Kien ghalhekk li jinsab ritenut illi azzjoni ta' din ix-xorta ma tistax tigi ezercitata minn persuna li kienet, per ezempju, semplici inkwilina tal-fond li fih tkun saret il-molestja li tkun trid tigi respinta b'dik l-azzjoni'.*

"Fil-kawza fl-ismijiet **Borg vs Cachia Zammit**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onorevoli Mhallef Dr. David Scicluna fit-8 ta' Ottubru, 2004 inghad illi:

> *"'Issa huwa veru li l-artikolu 534 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-azzjoni ta' manutenzjoni jista' jressaqha min "jinsab fil- pussess ... ta' haga immobbli" u li dan il-pussess jista' jkun "ta' liema xorta jkun"; izda dan ma jfissirx li d- detenzjoni hija bizzejjed ghax detenzjoni mhijiex pussess. Kemm "pussess ta' liema xorta jkun" ma jinkludix ukoll id-detenzjoni jidher aktar car mill-artikolu ta' wara (l-artikolu 535) dwar l-azzjoni ta' spoll li, kontra dak li jipprovdi l-artikolu 534, isemmi kemm il-"pussess ta' liema xorta jkun" kif ukoll "id-detenzjoni" biex juri li l-azzjoni ta' spoll jista' jressaqha wkoll id-detentur. Ghalhekk l-attur ma setax jipprocedi kontra l-konvenuti ai termini ta' l-artikolu 534 tal-Kodici Civili izda kellu semmai rimedji alternattivi kontemplati mill-istess ligi*.'

"Dan gie wkoll konfermat fil-kawza fl-ismijiet **George Camilleri vs. George Bonello** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onorevoli Mhallef Dr. Tonio Mallia nhar l-20 ta' Ottubru, 2005 fejn wara li gharblet il-gurisprudenza hawn fuq imsemmija ddikjarat kif isegwi:

> "'*Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament, u tqis li l-actio manutensionis tista' tigi ezercitata biss min min ikollu "pussess", fis-sens tal-ligi, tal-proprjeta' in kwistjoni*.'

“**Provi**

“**L-elementi taz-zmien:**

“Illi l-element taz-zmien u cioe’ li l-kawza kellha tigi prezentata fi zmien sena minn meta sehh id-disturb fil-pussess johrog car mill-fatt li fid-19 ta’ Awissu, 2013 giet prezentata mill-atturi l-kawza bin-numru 56/2013 fejn fiha allegaw illi kien wara 19 ta’ Gunju, 2013 li l-konvenut u huh hawlu x-xtieli fil-passagg. Sa dak iz-zmien izda jirrizulta mill-provi fl-atti taz-zewg kawzi li nonostante x-xtieli l-atturi xorta wahda ghaddew mill-passagg in kwistjoni u accedew ghall-proprjeta’ taghhom. Jirrizulta mill-provi li kien fil-mori tal-kawza 56/2013 li sar ukoll *ex admissis* mill-konvenut (fol. 118) il-qannicc tal-qasab li eskluda kompletament il-possibilita’ li l-atturi jghaddu mill-passagg vantat minnhom (ara xhieda ta’ Francis Portelli 74 et seq). Il-konvenut jikkonferma a fol. 119 tal-process li dan sar wara s-Sajf tal-2013 appuntu biex l-atturi ma jibqghux jghaddu. Il-kawza odjerna nfethet fit-30 ta’ Dicembru, 2013 u huwa f’din il-kawza li ghall-ewwel darba jissemma l-qannic tal-qasab ghalhekk bilfors li dan sar bejn l-ewwel kawza u t-tieni kawza. Jirrizulta ghalhekk li l-kawza nfethet ferm fit-terminu tas-sena mpost mil-ligi.

“**L-elementi tal-pussess mhux bil-vjolenza jew mohbi u l-animo domini:**

“Illi l-istess atturi u binhom fix-xhieda taghhom a fol. 15, 18 u 20 kif ukoll fil-kontro ezami taghhom ilkoll jikkonfermaw li l-passagg in kwistjoni huma kienu lhom juzawh mill-anqas mis-sena 1984 tant illi kienu jghaddu bl-ingenji u bil-‘land-rover’ u lkoll jikkonfermaw li hadd qatt ma waqqafhom. Xhieda mressqa mill-istess konvenut jikkonfermaw li l-atturi kienu juzaw il-passagg li jibda mir-rampa li giet imblukkata bil-gebel u jkomplu ghaddejjin minn fejn illum hemm il-qannic tal-qasab ghal fuq il-proprjeta’ taghhom u dan bl-ingenji taghhom. Issir referenza ghax-xhieda b’mod partikolari ta’ Francis Portelli a fol. 74 tal-process, ta’ Mikiel Sacco a fol. 82 tal-process u ta’ Carmelo Hili a fol. 92:

“Francis Portelli xehed kif isegwi:

> “‘Avukat:
> Is-Sur Portelli, kif jghaddi kif jidhol ghar-raba tieghu?
>
> “Francis Portelli:
> “Issa ma nafx mnejn jghaddi jien issa . Qabel minn hemm kien jghaddi imma.
>
> “Avukat:
> “Qabel minn hemm, minn fejn?
>
> “Francis Portelli:
> “Minn hemm hekk, minn go tieghi.’ (fol. 77/78)”

“Mikiel Sacco xehed kif isegwi:

"'Avukat:
"Meta saret ir-rampa, minn meta saret ir-rampa lil hawn, Pawlu kien juza dik ir-rampa biex jidhol ghar-raba' tieghu?

"Mikiel Sacco:
"Iva kien juzaha imma go tan-nies hux.

"Avukat:
"Iva imma kien juzaha.

"Mikiel Sacco:
"Billi kien juzaha ghax ma kontx narah jien. U jien ma tajjarthiex ghax jien ma naghmilx ligijiet.' (fol. 87)

"Carmelo Hili jixhed kif isegwi:

"'Avukat:
"Inti fil-fatt m'ghamilt xejn biex izzommu milli jghaddi. Baqa jghaddi.

"Carmelo Hili:
"Xi tridni naghmel.

"Avukat:
"Iva. Taqbel mieghi li baqa jghaddi? Iva jew le.

"Carmelo Hili:
"Kif? Iva baqa' jghaddi. Mhux minn fuqi biss imma minn fuq haddiehor ukoll.' (fol. 97)

"Illi mill-assjem tal-provi din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li ghal numru ta' snin l-atturi kienu jghaddu, apertament u minghajr habi mir-rampa in kwistjoni u jkomplu fuq il-passagg li parti minnu jigi fuq l-ghalqa tal-konvenut sabiex jaccedu ghall-proprjeta' taghhom u kien biss wara li tpoggew il-gebel fir-rampa msemmija mix-xhud Carmelo Hili u l-qannic tal-qasab imsemmija minn diversi xhieda, kif ukoll konfermati mill-istess Qorti waqt l-access, illi l-atturi gew impossibilitati milli jghaddu aktar minn fuq il-passagg in kwistjoni.

"Il-Qorti rat ix-xhieda tal-konvenut u ta' huh Emanuel Camilleri u tiddikjara li ma tqisx il-verzjoni tal-konvenut u huh Emanuel Camilleri, fejn sostnew li qatt ma raw lill-atturi jghaddu mill-passagg jew li ma kienux jaf li huma kienu jvantaw dritt ta' passagg minn fuq l-ghalqa tieghu, bhala wahda veritiera in vista li hija sahansitra kontradetta minn bosta xhieda mressqa mill-konvenut stess f'dawn il-proceduri. Il-fatt ukoll li bosta xhieda jikkonfermaw li ghal hafna zmien ir-raba ta' Eucharistico Camilleri, anki qabel xtraha, kienet gmiem ukoll jimmilita favur il-verzjoni tal-atturi u mhux dik ta' Camilleri (ara xhieda ta' Mario Portelli a fol. 38 et seq). Il-Qorti wkoll tqis li l-verzjoni moghtija minn hu l-attur Joseph Portelli (fol. 56 et seq) u li tressaq bhala xhud mill-konvenut hija certament imtappna b'animosita bejn ix-xhud u l-attur u

dan anki mill-mod kif inghatat l-istess xhieda u ghalhekk ma tqisx li tista' tistrieh fuq l-istess xhieda.

"L-istess xhieda tal-konvenut meta mistoqsija jekk qattx hadu proceduri legali biex iwaqqfu lill-atturi milli jghaddu mill-passagg lkoll iwiegbu fin-negattiv. L-atturi jsostnu li huma dejjem kien minghalihom li huma ghandhom dritt ta' passagg mir-rampa in kwistjoni u l-ghalqa tal-konvenut tant illi l-attur isostni li kieku huwa b'xi mod kien infurmat li huwa ma setax jghaddi minn hemm lanqas kien jixtri l-ghalqa in kwistjoni (fil-mori li gia kien juzaha) ghaliex hu joqghod attent li fejn jixtri jkun accessibbli bl-ingenji altrimenti mhux tajjeb ghalih (ara fost ohrajn fol. 163 tal-process 56/13). Dan jevidenzja ghalhekk l-animu tal-atturi fl-ezercizzju tad-dritt tal-passagg in kwistjoni bhala dritt taghhom.

"Illi l-artikolu 524 (1) tal-Kodici Civili jsostni kif isegwi:

> "'(1) Il-pussess huwa d-detenzjoni ta' haga korporali jew it-tgawdija ta' jedd, li taghhom tista' tinkiseb il-proprjeta', u li wiehed izomm jew jezercita bhala tieghu nnifsu.'

"Ai fini tal-'actio manutentionis' ghalhekk il-Qorti tqis li l-element tal-*pussess animo domini* mhux vjolenti jew abbusiv da parti tal-atturi fil-mument li sehhet il-molestja huwa sodisfatt. Jekk dan il-pussess u cioe' l-passagg tal-atturi minn fuq l-ghalqa tal-konvenut ghandux bazi legali jew le hija kwistjoni legali diversa minn dik li trid tistabilixxi l-Qorti llum.

"**Il-molestja**

"Finalment l-ahhar element huwa dak tal-molestja. Fil-kawza odjerna l-konvenut bl-ebda mod ma jichad li kien hu li hawwel ix-xtieli fil-passagg u li konsegwentement ghamel ukoll il-qannicc tal-qasab u dan kif jikkonferma hu stess fix-xhieda tieghu a fol. 118 et seq tal-process. Il-konvenut jichad li kien hu li ghamel il-gebel fil-bidu tar-rampa izda x-xhud Carmelo Hili jikkonferma fix-xhieda tieghu li dawn saru fl-istess zmien tal-qannicc tal-qasab (fol. 92 et seq). Il-Qorti kif gia nghad ikkonfermat il-prezenza ta' dawn il-gebel jew vireg waqt l-access fuq il-post. Ix-xhud Francis Portelli a fol. 74 *et seq* tal-process li huwa l-persuna li jiehu hsieb l-ewwel ghalqa li fiha hemm ir-rampa u li fuqha hemm il-passagg li jwassal l-ewwel ghal fuq il-proprjeta' tal-konvenut u wara ghal fuq tal-atturi jsostni li huwa ma jafx min ghamel il-gebel allura ma kienx hu li ghamel l-istess (fol. 78).

"Il-Qorti tqis li l-fatti li rrizultaw u cioe' li l-vireg jew il-gebel ma sarux minn Francis Portelli jew Carmelo Hili li ghandhom interess fl-ewwel ghalqa u li dawn saru fl-istess zmien tal-qannicc tal-qasab huwa evidenza cirkostanzjali bizzejjed sal-grad tal-probabbli rikjest mil-ligi li dawn saru mill-istess konvenut fl-istess zmien li sar il-qannicc tal-qasab biex jigi ostakolat kompletament l-uzu tal-passagg da parti tal-atturi. Dan huwa msahhah bil-fatt li l-atturi baqghu jghaddu minn fuq il-

passagg nonostante li kienu gie mhawwel u kien biss permezz tal-vireg/gebel u l-qannic li ma setghux jidhlu aktar.

"Fir-rigward tax-xtieli din il-Qorti ma tqisx li dawn wahedhom servew ta' ostakolu ghall-atturi sabiex jghaddu mill-passagg anki stante li iben l-istess atturi Stephen Portelli a fol. 13 tal-process numru 56/2013:

> "'sabiex nghaddi jien kont kostrett li nghaddilu minn fuq l-ucuh, peress li hu halla kollox hemm.'

"Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx li x-xtieli wahedhom kienu ta' molestja tali li cahhdu l-atturi milli jezercitaw il-passagg minn fuq l-ghalqa tal-konvenut tant illi xorta ghaddew izda l-persistenza da parti tal-konvenut li jibqa' jhawwel fil-passagg nonostante li l-atturi jghaddu minn fuqhom hija dik li effettivament tikkonsisti fil-molestja neccessarja ghas-success ta' din l-azzjoni.

"In vista tas-suespost, il-Qorti tqis li anki l-element tal-molestja tad-dritt tal-atturi huwa sodisfatt mill-persistenza tal-konvenut li jibqa' jhawwel fil-passagg, mill-qannicc tal-qasab u mill-vireg/gebel li tpoggew fir-rampa.

"**Decizjoni**

"Ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

"(1) Tiddikjara illi l-konvenut iddisturba lill-atturi fil-pussess ta' hwejjighom billi ostakola l-passagg li minnu huma jaccedu ghar-raba taghhom meta f'xi gurnata wara d-19 ta' Ġunju 2013 u fil-gimghat u xhur sussegwenti l-konvenut irrenda l-access da parti tal-atturi ghar-raba taghhom iktar difficli;

"(2) Tordna illi l-atturi ghandhom jigu mantnuti fil-pussess ta' hwejjighom u ghal dan il-ghan tordna lill-konvenut sabiex fi żmien xahar jirreintegra lill-atturi fil-pussess pjen ta' hwejjighom u dan billi jnehhi kwalunkwe oggett li b'xi mod qed ixekkel il-passagg liberu tal-atturi fosthom jaqla' kwalunke xitel li prezentement hemm fil-passagg, jiddesisti milli jhawwel aktar xitel fl-istess passagg, inehhi l-qannicc tal-qasab mill-passagg u jnehhi l-vireg/gebel li hemm fir-rampa li twassal ghall-ghelieqi tal-partijiet u dan sabiex jhalli l-istess passagg ghal-liberu access tal-attur;

"(4) Tordna li fin-nuqqas illi l-konvenut jezegwixxi x-xoghlijiet ordnati minn din il-Qorti fiz-zmien xahar, tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu x-xoghlijiet huma a spejjez tal-konvenut taht is-supervizjoni tal-Perit Clint Camilleri li qed jigi nominat ghal dan il-ghan. L-ispejjez tal-Perit ghandhom ikunu pagabbli direttament mill-atturi lill-Perit bi dritt ta' rkupru mmedjat minghand il-konvenut.

"Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut."

**Rikors tal-appell tal-konvenut Eucharistico Camilleri (12.10.2015)**

**3.** Il-konvenut ħass ruħu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

**4.** Huwa jispjega li l-aggravji tiegħu jikkonsistu bażikament fil-fatt illi l-ewwel Qorti interpretat ix-xiehda kollha miġjuba quddiemha b'mod żbaljat u li kien dan li wassalha għall-konferma tal-elementi neċessarji sabiex l-azzjoni ta' manutenzjoni proposta mill-atturi appellati tirnexxi.

*(i)* *Pussess*

Huwa jargumenta illi ġialadarba ma kienx qed jiġi disturbat fit-tgawdija tiegħu fuq l-art dan ifisser li l-atturi appellati ma kinux qed jippretendu xi dritt fuqha. Jgħid ukoll li jidher ċar mix-xiehda tiegħu u dik ta' Emanuel Camilleri li l-atturi appellati ma kinux qed jgħaddu minn fuq l-art in kwistjoni. Għalhekk isostni li dan kellu bla dubju jeskludi li l-atturi kellhom il-pussess *animo domini* tal-proprjeta` in kwistjoni.

*(ii)* *It-terminu ta' sena*

Isosti wkoll li ma jirriżultax li l-azzjoni saret fi żmien sena mill-allegata molestja. Jgħid li l-prova kellha tiġi prodotta mill-atturi appellati u mhux

inferita minn provi ċirkostanzjali. Jaċċenna għall-premessi u għat-talbiet li jitkellmu dwar żmien wara d-19 ta' Ġunju 2013, filwaqt li fix-xiehda tiegħu bl-affidavit l-attur jitkellem fuq żmien ġenerali "*dawn l-aħħar xhur*". Jilmenta li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta kkonkludiet li l-element taż-żmien ġie sodisfaċentement ippruvat;

*(iii) Ultra petita fir-rigward tal-qanniċ u affarijiet oħra:*

Jilmenta wkoll illi l-ewwel Qorti marret *ultra petita* meta kkonsidrat affarijiet oħra oltre dawk mitluba fit-talba oriġinali. Dan qed jingħad b'riferenza għall-qanniċ. Jgħid li la fil-premessi u lanqas fit-talbiet ma jissemma' l-qanniċ, iżda jissemew biss "*xtieli tal-bettiegħ, brunġiel, fażola u dulliegħ.*"

**<u>Risposta tal-appell tal-atturi Paul u Agnes konjuġi Portelli (30.11.2015)</u>**

**5.** L-atturi appellati wieġbu biex jgħidu li s-sentenza hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata fit-totalita` tagħha.

(i) Fir-rigward tal-ewwel aggravju dwar il-pussess jgħidu li għalkemm il-konvenut jgħid li mix-xiehda tiegħu u ta' ħuh Emanuel Camilleri jirriżulta li huma (l-atturi appellati) ma kinux jgħaddu mill-passaġġ, invece hemm ix-xiehda tal-attur innifsu (Francis Portelli) Mikiel Sacco u

Carmelo Hili li kollha jikkonfermaw li huma (l-atturi appellati) kienu fil-fatt jgħaddu minn hemm. Jargumentaw illi l-allegazzjoni tal-konvenut appellant li hu ma kienx jarahom għaddejjin minn fuq ir-raba tiegħu minnha nnifisha mhix suffiċjenti biex twaqqa' l-kwadru li jirriżulta mix-xiehda msemmija. Jaċċennaw ukoll għall-aċċess miżmum mill-Qorti minn fejn irriżulta li l-art tagħhom hija aċċessibbi biss mill-passaġġ in kwistjoni.

(ii) Dwar it-tieni aggravju fir-rigward taż-żmien li fih twettqet il-molestja huma jgħidu li kienu kkonfermaw li seħħet wara d-19 ta' Ġunju 2013 u la l-konvenut appellant u ħadd mix-xiehda tiegħu ma għaraf jikkontradiċi tali data. Ladarba l-kawża ġiet intavolata qabel l-aħħar tas-sena 2013 isostnu li l-azzjoni saret *entro termine*.

(iii) Dwar it-tielet aggravju, fejn il-konvenut isostni li l-ewwel Qorti marret *ultra petita* peress li l-qanniċ imwaħħal minnu ma jissemmiex espressament fil-premessi tar-rikors, l-atturi appellati isostnu li dan mhux ġustifikat. Jargumentaw li t-talba mhix limitata għall-qlugħ tal-ħxejjex li tħawwlu mill-konvenut appellant fil-parti ntiża għall-passaġġ imma tinkludi wkoll talba sabiex il-konvenut "*jaqla l-istess xitel u jħalli l-istess passaġġ għal-liberu aċċess tal-attur*."

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*L-ewwel aggravju: il-pussess mankanti tal-atturi appellati fuq l-passaġġ in kwistjoni*

**6.** L-ewwel Qorti ikkonsidrat li kienet iktar attendibbli il-verżjoni tal-atturi appellati li huma kienu fil-fatt jgħaddu, apertament u mingħajr ħabi mir-rampa u imbagħad ikomplu fuq il-passaġġ li parti minnu jiġi fuq l-għalqa tal-konvenut sabiex jaċċedu għall-proprjeta` tagħhom. Hija qieset invece li l-verżjoni tal-konvenut u ta' ħuh Emanuel Camilleri – fejn sostnew li qatt ma raw lill-atturi jgħaddu mill-pasaġġ – bħala inveritiera, u fil-fatt hija saħansitra kontradetta minn xhieda mreqqsa mill-konvenut stess.

**7.** Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi mressqa miż-żewġ naħat.

**8.** Il-verżjoni tal-konvenut, ta' ħuh Emanuel Camilleri u ta' ħu l-attur (Joseph Portelli) hi li l-attur kien jgħaddi minn intrata alternattiva (u cioe` mhux minn fuq l-art tal-konvenut).

**9.** Eucharistico Camilleri[1] qal li l-attur għandu biċċa art li tiġi 'l ġewwa minn fejn xtara hu. Mistoqsi kif jgħaddi għal fuqha l-attur, wieġeb "*Hu għandu l-intrata qiegħed in-naħa ta' fuq tiegħu…Hemm rampa żgħira ta' ħames piedi, fiha ħames piedi naħseb, fiha ħames piedi r-rampa u suppost jgħaddi minn hemm. Triqtu minn hemm*". Qal li kemm ilu li xtara l-art qatt ma ra lill-attur jgħaddi minn fuq l-għalqa tiegħu. "*Fi żmien dawk il-ħames snin qatt ma għaddhieli minn fuq il-wiċċ lili. Is-soltu jgħaddi minn isfel biex jaqtagħha l-biċċa li jkollu.*

[1] Xiehda tal-konvenut 10.03.2015, fol 109 et seq

*Intrata minn isfel…. Ġieli rajtu dieħel minn isfel….Mhux mir-rampa l-kbira*." Kompla jgħid li darba' minnhom, l-attur qabad u daħal bit-tractors minn fuq l-għalqa tiegħu fejn kellu l-wiċċ kaboċċi. Skont hu dan kien f'Mejju u għalhekk wara s-sajf huwa għamel il-qanniċ biex ma jerġax jgħaddilu.

**10.** Emanuel Camilleri[2], ħu l-konvenut, ikkonferma li l-attur għandu raba 'l ġewwa minn dik tal-konvenut. Qal li Portelli qabel kien jidħol bil-moħriet iż-żgħir minn fuq ir-rampa d-dejqa. Kien jarah jgħaddi min-naħa t'isfel mit-triq tax-Xagħra. "*Issa Portelli jekk inhu Portelli, qiegħed jgħaddi minn fuq ħija u qiegħed jgħaffiġlu l-affarijiet meta hu suppost jgħaddi minn fuq iżjed*".

**11.** Joseph Portelli[3], hu l-istess attur, tressaq bħala xhud mill-konvenut. Huwa qal li r-raba li llum huwa f'idejn l-attur ilu għomru fih, minn żmien il-ġenituri tiegħu. Spjega li kien fl-1985 li r-raba għadda għand l-attur. Qal li kien fih passaġġ dejjaq bir-riġel: "*tidħol mit-triq tar-Ramla, tgħaddi minn fuq persuna msejħa tal-Kalkaruż u imbagħad minn fuq is-Sagra u imbagħad tagħna.*"

**12.** L-atturi u diversi xhieda oħra pero` (inkluż xhieda tal-konvenut) taw verżjoni oħra.

---

[2] Xiehda ta' Emanuel Camilleri tat-10.03.2015, fol 127 et seq
[3] Xiehda ta' Joseph Portelli, ħu l-attur tat-13.01.2015, fol 56 et seq

**13.** L-attur Pawlu Portelli[4] xehed illi r-raba in kwistjoni ilu jaħdimha minn mindu kellu ħames snin. Jgħid li missieru kien tahielu fl-1972 bi qbiela mingħand Dun Martin Portelli, imbagħad kien xtraha:

> "*Din ir-raba ma tmissx ma' triq u għalhekk biex ngħaddi għal ġo fiha l-uniku aċċess għaliha huwa permezz ta' passaġġ minn taħt ħajt illi jikkonduċi mit-triq sakemm tintlaħaq din ir-raba. Biex nispjega aħjar mit-triq l-ewwel tirfes għal fuq rampa tal-konkos illi kienet saret mill-Gvern snin ilu. Imbagħad tirfes għal fuq passaġġ li jinsab fuq il-proprjeta` tal-familja tal-konvenut, u dan il-passaġġ imbagħad jieħdok għal ġor-raba tiegħi….Kemm ilni naħdem din ir-raba minn dejjem għaddejt minn ġo dan il-passaġġ…Qatt ma ħadd tellifna jew żammna milli ngħaddu minn hemmhekk, sakemm f'dawn l-aħħar xhur inqalgħu kwistjonjiet mal-konvenut Eucharistico Camilleri u ħuh Emanuel Camilleri*."

**14.** Kontro-eżaminat[5], u mistoqsi jekk hemmx passaġġ ieħor li jwassal direttament għal ġol-proprjeta` tiegħu wieġeb "*Passaġġ, passaġġ minn fuq hemm, bir-riġel, imma jiena qatt ma għaddejt minn ġo fih*."

**15.** Stephen Portelli[6], bin l-atturi, ikkonferma li kemm ilhom jaħdmu r-raba dejjem għaddew mill-passaġġ in kwistjoni sakemm matul is-sena 2013 sabu intoppi da parti tal-konvenut u ħuh, fis-sens li dawn ħawlu fil-passaġġ u l-konvenut anke għamel qanniċ.

**16.** Agnes Portelli[7], l-attrici, ikkonfermat li kemm ilhom jaħdmu r-raba dejjem għaddew mill-passaġġ in kwistjoni. "*Tant hu hekk illi fiż-żmien jiena u żewġi konna nidħlu fir-raba tagħna bil-Land Rover illi kellna*

[4] Affidavit tal-attur, fol 15-17
[5] Kontro-eżami ta' Paul Portelli, tad-19.05.2015, fol 156 et seq
[6] Affidavit ta' Stephen Portelli, fol 18-19
[7] Affidavit ta' Agnes Portelli, fol 20-21

*sabiex minn ġor-raba tagħna ngħabbu direttament għal ġol-vettura tagħna*". Hija spjegat li meta sabu tfixkil da parti tal-konvenut u ta' ħuh "*Dan aħna ma stajniex naċċettawh għas-sempliċi raġuni illi aħna dejjem minn hemm għaddejna u ma għanda l-ebda aċċess ieħor għar-raba tagħna*".

**17.** Francis Portelli[8] jitkellem fuq meta r-rampa kienet għadha torba. Jgħid li min għamilha ma jafx, iżda jaħseb li kien il-Gvern. Huwa xehed li l-attur kien jgħaddi minnha imbagħad żammu l-konvenut. Mistoqsi dwar il-qanniċ tal-qasab qal "*Minn dakinhar ilu ma jgħaddi*".

**18.** Mikiel Sacco[9] fix-xiehda tiegħu qal li r-rampa ilha iktar minn għoxrin sena li saret. Qal li l-attur kien jgħaddi minn hemmhekk bil-moħbi tiegħu.

**19.** Carmelo Hili[10] ukoll xehed li l-attur kien jgħaddi minn hemm. "*Baqa' jgħaddi. Mhux minn fuqi biss imma minn fuq ħaddieħor ukoll*". Mistoqsi jekk illum il-ġurnata hemmx xi ħaġa li żżommu milli jgħaddi, wieġeb li hemm l-uċuħ tar-raba u anke ġebel.

**20.** Ix-xhud Joseph Azzopardi[11] għalkemm qal li qatt ma ra lill-attur jinżel mir-rampa, deher pjuttost konvint li kien jużaha. Huwa xehed hekk: "*Naf li kien jgħaddi għax kien hemm ir-rampa tibqa' sejra għal ġo tiegħu imma personali qatt ma rajtu għaddej*".

---

[8] Xiehda ta' Francis Portelli tat-10.03.2015, fol 74 et seq
[9] Xiehda ta' Mikiel Sacco tal-10.03.2015, fol 82 et seq
[10] Xiehda ta' Carmelo Hili tal-10.03.2015, fol 92 et seq
[11] Xiehda ta' Joseph Azzopardi tal-10.03.2015, fol 102 et seq

**21.** Wara li eżaminat il-provi prodotti, din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, hija wkoll konvinta illi l-atturi appellati sabiex jaċċedu għall-għalqa tagħhom kienu jgħaddu mir-rampa u jkomplu fuq il-passaġġ li parti minnu jiġi fuq l-għalqa tal-konvenut. Fir-rigward ta' ħu l-attur Joseph Portelli, u l-verżjoni li ta hu, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, jidher li kien hemm ċertu animożità bejn l-aħwa (anke kif jidher mit-traskrizzjoni tax-xiehda) u għalhekk hi wkoll ma tqisx li tista' tagħti wisq piż lill-verżjoni tiegħu.

**22.** Għalhekk l-ewwel aggravju fil-fehma ta' din il-Qorti huwa infondat.

*It-tieni aggravju: il-kawża saret fuori termine*

**23.** Il-konvenut appellant jilmenta li l-atturi naqsu milli jippruvaw li huma intavolaw din il-kawża fi żmien sena mill-allegata molestja. Jgħid li ma ġiex sodisfaċent ippruvat l-element taż-żmien. Mill-atti jirriżulta li l-passaġġ in kwistjoni li kienu jużaw l-atturi ġie ostakolat mhux biss bit-tħawwil tal-ħxejjex, iżda wkoll bl-armar tal-qanniċ u bit-tqegħid tal-ġebel.

*(i) It-tħawwil tal-ħxejjex*

**24.** L-atturi fir-rikors ġuramentat tagħhom qalu li f'xi żmien wara d-19 ta' Ġunju 2013 il-konvenut Eucharistico Camilleri ħawwel xi ħxejjex fil-passaġġ b'mod li tellifhom milli jgħaddu mill-passaġġ biex jaċċedu għall-għalqa tagħhom. Fl-affidavit tiegħu tal-21 ta' Marzu 2014 l-attur qal li "*f' xi żmien fil-bidu tas-sajf tas-sena 2013*" ħu l-konvenut Emanuel

Camilleri kien ħawwel xi kaboċċi u ħxejjex oħra fil-passaġġ b'mod li sar inkrepattiv għalihom biex ikomplu jgħaddu, u għalhekk fetħu l-kawża bin-numru 56/2013JD kontrih **Paul Portelli et v. Emanuel Camilleri**. Huwa spjega wkoll illi fiż-żmien li kienu ġew biex jiftħu dik il-kawża kien beda jidher ukoll fuq il-post Eucharistico Camilleri, il-konvenut odjern, u beda jaħdem parti mill-passaġġ in kwistjoni. Għalhekk jidher li l-ħxejjex li ostakolaw il-passaġġ tal-atturi fil-fatt saru inqas minn sena qabel ma infetħet il-kawża odjerna.

*(ii) Il-qanniċ*

**25.** L-attur żied jgħid illi *"f'dawn l-aħħar xhur il-konvenut u ħuh Emanuel Camilleri qasmu l-passaġġ mnejn konna ngħaddu aħna bil-qanniċ: fis-sens li Eucharistico Camilleri beda jaħdem dik il-parti tal-passaġġ illi tiġi mill-qanniċ lejn it-triq, filwaqt illi ħuh Emanuel Camilleri beda jaħdem dik il-parti tal-passaġġ illi tiġi mill-qanniċ sa fejn il-proprjeta` tiegħi*".[12]

**26.** Il-konvenut Eucharistico Camilleri kontro-eżaminat qal illi huwa kien għamel il-qanniċ biex l-attur ma jerġax jgħaddilu minn fuq il-wiċċ. Jgħid li kien f'Mejju li l-attur għaddielu minn fuq il-wiċċ. *"Ma għamiltux mill-ewwel. Ħallejt is-Sajf jgħaddi u imbagħad għamiltu*".

***27.*** Rilevanti wkoll hija x-xiehda ta' Francis Portelli mogħtija fl-10 ta'

[12] Huwa esebixxa ritratt PP1 li juri r-rampa u l-qanniċ, fol 17

Marzu 2015 meta qal illi l-attur ma baqax jgħaddi minn fuq ir-rampa "*Chris Camilleri żammu sentejn ilu meta għamillu l-qanniċ tal-qasab".*

**28.** Jidher għalhekk li anke l-qanniċ sar inqas minn sena qabel ma infetħet il-kawża odjerna.

(*iii) Il-ġebel*

**29.** L-attur qal ukoll fl-affidavit tiegħu illi "*matul dawn l-aħħar xhur il-konvenut għamel ukoll żewġ kantuni*." Minkejja l-konvenut ċaħad li kien għamilhom hu, l-ewwel Qorti qieset li kien irriżulta għallinqas sal-grad tal-probabbli rikjest mil-liġi, li dawn kien għamilhom il-konvenut fl-istess żmien li sar il-qanniċ, u għalhekk anke f'dan ir-rigward jidher li l-kawża ġiet intavolata *entro termine*.

**30.** Għalhekk it-tieni aggravju huwa wkoll infondat kemm inkwantu jirrigward t-tħawwil tal-ħxejjex kif ukoll in kwantu jirrigwarda t-tqegħid tal-qannic u tal-ġebel.

*It-tielet aggravju: l-ewwel Qorti marret ultra petita meta qieset affarijiet oħra apparti x-xtieli li kienu qed jostakolaw il-passaġġ.*

**31.** L-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi, iżda din il-Qorti tosserva li fir-rigward tat-tieni talba effettivament hemm differenzi bejn dak li talbu l-atturi u dak li ordnat l-ewwel Qorti:

**32.** It-tieni talba tal-atturi tgħid hekk:

"*Tordna lill-atturi sabiex jiġu mantnuti fil-pussess ta' ħwejjiġhom u konsegwentement tikkundannak sabiex fi żmien qasir u perentorju illi jiġi prefiss, inti tirreintegra lill-attur fil-pussess pien ta' ħwejġu u dan billi taqla' l-istess xitel u tħalli l-istess passaġġ għal-liberu aċċess tal-attur*;

**33.** It-tieni talba kif milqugħa mill-ewwel Qorti tgħid hekk:

"*Tordna illi l-atturi għandhom jiġu mantnuti fil-pussess ta' ħwejjiġhom u għal dan il-għan tordna lill-konvenut sabiex fi żmien xahar jirreintegra lill-atturi fil-pussess pjen ta' ħwejjiġhom u dan illi jneħħi kwalunkwe oġġett li b'xi mod qed ixekkel il-passaġġ liberu tal-atturi fosthom jaqla' kwalunkwe xitel li preżentement hemm fil-passaġġ, jiddeżisti milli jħawwel aktar xitel l-istess passaġġ, ineħħi l-qannić tal-qasab mill-passaġġ u jneħħi l-vireg/ġebel li hemm fir-rampa li twassal għall-għelieqi tal-partijiet u dan sabiex iħalli l-istess passaġġ għal-liberu aċċess tal-attur.*"

**34.** Il-konvenut appellant jargumenta illi ladarba fit-talba oriġinali issemmew biss ix-xtieli, l-ewwel Qorti marret *ultra petita* meta ordnat li jittneħħew ukoll il-qannić u l-vireg/ġebel fuq ir-rampa. Huwa minnu li l-premessi u t-talba ssemmi biss ix-xtieli iżda huwa minnu ukoll, kif jgħidu l-atturi appellati fir-risposta tagħhom, illi huma talbu mhux biss li jaqla' x-xtieli iżda wkoll li "*jħalli l-istess passaġġ għal-liberu aċċess tal-attur*."

**35.** Ladarba l-ewwel Qorti irriżultalha l-molestja għall-pussess tal-attur kienet tinkludi wkoll il-qannić u l-ġebel u ladarba jirriżulta li dawn saru f'inqas minn sena qabel ma infetħet din il-kawża, din il-Qorti ma hix tal-fehma li l-ewwel Qorti marret *ultra petita* meta ordnat speċifikatament li dawn jitneħħew, ladarba huwa bit-tneħħija tagħhom li l-atturi jistgħu jerġa jkollhom il-"*liberu aċċess*" kif mitlub minnhom.

**<u>Decide</u>**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Reġistratur
df